Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tal-24 ta' Marzu 2010 — 2nine vs UASI — Pacific Sunwear of California (nollie)

(Kawża T-363/08)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva nollie — Trade marks nazzjonali u internazzjonali verbali preċedenti NOLI — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' xebh tal-prodotti — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009] — Artikolu 74(1) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009]"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 24, 43)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tas-16 ta' Ġunju 2008 (Każ R 1590/2007-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn 2nine Ltd u Pacific Sunwear of California, Inc.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Pacific Sunwear of California, Inc.
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark figurattiva nollie għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 9, 11, 14, 18, 20, 25 u 26 — Applikazzjoni Nru 4602017

Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	2nine Ltd
Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 839740 tat-trade mark verbali NOLI għal prodotti fil-klassijiet 3, 18, 24 u 25; trade mark verbali NOLI rreġistrata fir-Renju Unit bin-Nru 2361525 għal prodotti fil-klassijiet 3, 18, 24 u 25
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Oppożizzjoni milqugħa u applikazzjoni għal trade mark miċħuda fl-intier tagħha
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Deċiżjoni kkontestata parzjalment annullata

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) 2nine Ltd hija kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha, kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tal-24 ta' Marzu 2010 — 2nine vs UASI — Pacific Sunwear of California (nollie)

(Kawża T-364/08)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva nollie — Trade marks nazzjonali u internazzjonali verbali preċedenti NOLI — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' xebh bejn il-prodotti — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b)